Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Awwissu 2018
(OR. en)

11537/18
ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0306(NLE)**

WTO 208
SERVICES 53
FDI 37
CDN 4

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 10 ta' Awwissu 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 580 final |
| Suġġett: | ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat CETA dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit permezz tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, li tistabbilixxi lista ta' individwi li lesti jservu bħala membri tal-bord skont il-Kapitolu 23 u l-Kapitolu 24 tal-Ftehim |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 580 final.

---

Mehmuż: COM(2018) 580 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.8.2018
COM(2018) 580 final

ANNEX

# ANNESS

**tal-**

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat CETA dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit permezz tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, li tistabbilixxi lista ta' individwi li lesti jservu bħala membri tal-bord skont il-Kapitolu 23 u l-Kapitolu 24 tal-Ftehim**

**DOKUMENT MEHMUŻ**

**DEĊIŻJONI Nru [X /2018]**
**TAL-KUMITAT CETA DWAR IL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI**

ta’ xxx

**li tistabbilixxi lista ta’ individwi li lesti jservu bħala membri tal-bord skont il-Kapitolu 23 u l-Kapitolu 24 tal-Ftehim**

IL-KUMITAT TAS-CETA DWAR IL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, u b’mod partikolari l-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 23.10 u l-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 24.15 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 30.7.3 tal-Ftehim, partijiet tal-Ftehim kienu applikati proviżorjament mill-21 ta' Settembru 2017.

(2) Skont il-paragrafu 6 tal-Artikolu 23.10 tal-Ftehim,, il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli jistabbilixxi lista ta’ mill-inqas disa’ individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord fir-rigward ta’ kwistjonijiet li jirriżultaw taħt il-Kapitolu 23 (Kummerċ u Xogħol) u li, skont il-paragrafu 7, għandhom għarfien speċjalizzat jew għarfien espert fil-liġi tax-xogħol, kwistjonijiet oħra indirizzati fil-Kapitolu 23, jew fir-riżoluzzjoni ta’ tilwimiet li jqumu taħt ftehimiet internazzjonali.

(3) Skont il-paragrafu 6 tal-Artikolu 24.15 tal-Ftehim,, il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli jistabbilixxi lista ta’ mill-inqas disa’ individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord fir-rigward ta’ kwistjonijiet li jirriżultaw taħt il-Kapitolu 24 (Kummerċ u Ambjent) u li, skont il-paragrafu 7, għandhom għarfien speċjalizzat jew għarfien espert fil-liġi ambjentali, kwistjonijiet oħra indirizzati fil-Kapitolu 24, jew fir-riżoluzzjoni ta’ tilwimiet li jqumu taħt ftehimiet internazzjonali.

(4) Skont il-paragrafu 6 tal-Artikolu 23.10 u l-paragrafu 6 tal-Artikolu 24.15, kull lista għandha tikkonsisti minn tal-anqas tliet individwi msemmija minn kull Parti u mill-inqas tliet individwi msemmija mill-Partijiet li mhumiex nazzjonali ta’ xi Parti u li huma lesti u kapaċi jservu bħala president ta’ Bord ta’ Esperti.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Il-listi ta’ individwi li lesti jservu bħala membri tal-bord kif stabbilit fl-Anness huma b’dan stabbiliti.

2. Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tiegħu mill-Kumitat tas-CETA dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.

Għall-Kumitat tas-CETA dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

Għall-UE | Għall-Kanada

## ANNESS

## LISTA TA' INDIVIDWI LI LESTI JSERVU BĦALA MEMBRI TAL-BORD FIR-RIGWARD TAL-MATERJI LI JIRRIŻULTAW MILL-KAPITOLU 23 (KUMMERĊ U XOGĦOL) TAL-FTEHIM

**Individwi b'għarfien speċjalizzat jew kompetenzi fil-qasam tal-liġi tax-xogħol, fi kwistjonijiet indirizzati fil-Kapitolu 23, jew fir-riżoluzzjoni ta' tilwimiet li jinqalgħu taħt ftehimiet internazzjonali:**

Individwi msemmija mill-Kanada:

Kevin Banks

Adelle Blackett

Carol Nelder-Corvari

Individwi msemmija mill-Unjoni Ewropea:

Jorge Cardona

Eddy Laurijssen

Karin Lukas

Presidenti (mhux nazzjonali tal-Partijiet)

Janice Bellace

Kathleen Claussen

Christian Häberli

Jill Murray

Patrick Pearsall

Ross Wilson

**LISTA TA' INDIVIDWI LI LESTI JSERVU BĦALA MEMBRI TAL-BORD FIR-RIGWARD TAL-MATERJI LI JIRRIŻULTAW MILL-KAPITOLU 24 (KUMMERĊ U AMBJENT) TAL-FTEHIM**

**Individwi b'għarfien speċjalizzat jew kompetenzi fil-qasam tal-liġi ambjentali, fi kwistjonijiet indirizzati fil-Kapitolu 24, jew fir-riżoluzzjoni ta' tilwimiet li jinqalgħu taħt ftehimiet internazzjonali:**

Individwi msemmija mill-Kanada:

Anne Daniel

Armand de Mestral

Elaine Feldman

Matthew Kronby

Brendan McGivern

Individwi msemmija mill-Unjoni Ewropea:

Laurence Boisson de Chazournes

Hélène Ruiz Fabri

Geert Van Calster

Presidenti (mhux nazzjonali tal-Partijiet)

Arthur Edmond Appleton

James Bacchus

Nathalie Bernasconi-Osterwalder

Christian Häberli